ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2014**

## IT-TIELET SENA L-ISTUDJI SOĊJALI (*Ġenerali*) L-Iskema tal-Marki

### Taqsima A

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. iċ-ċittadin | 2. l-kultura | 3. globali | 4. normi | 5. multikulturali |
| 6. r-riżors uman | 7. dritt fundamentali | 8. is-servizzi soċjali | 9. impjieg | 10. paċi |

**10 marki**

### Taqsima B

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. c | 2. b | 3. c | 4. b | 5. a |
| 6. a | 7. c | 8. b | 9. c | 10. c |

**10 marki**

### Taqsima C

| Numru | Marki | Tweġibiet<br>*Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull opinjoni oħra relevanti u valida għandha tkun aċċettata.* |
|---|---|---|
| 1 | 1,1 (2) | **Falz** – Il-kultura Maltija hija multikulturali għax fiha ħafna influwenzi barranin. |
| 2 | 1,1 (2) | **Veru** – L-irwoli tagħna jinbidlu aktar ma nikbru u minħabba li s-soċjetà dejjem tinbidel. |
| 3 | 1,1 (2) | **Falz** – Le, għax m'hemmx għalfejn ikollok mudell modern ta' mowbajl biex tinqeda. |
| 4 | 1,1 (2) | **Veru** – Il-festi Maltin ilhom jiġu ċċelebrati għal żmien twil u saru parti mill-kultura Maltija. |
| 5 | 1,1 (2) | **Veru** – In-normi huma regoli mhux miktuba u jgħinu biex in-nies ikunu iżjed integrati. |
| **TOTAL** | **10** | |

### Taqsima D

| Numru | Marki | Tweġibiet<br>*Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull opinjoni oħra relevanti u valida għandha tkun aċċettata.* |
|---|---|---|
| 1 | 5 | Id-dmirijiet u d-drittijiet jiddependu fuq xulxin; wieħed ma jaħdimx mingħajr l-ieħor. Il-bniedem għandu d-dritt li jiġi rispettat, iżda fl-istess ħin irid jirrispetta lil ħaddieħor. |

| | | |
|---|---|---|
| 2 | 5 | **Kontroll soċjali** huwa sistema ta' kif tiġi kkontrollata l-imġiba ta' individwi u ta' gruppi. Il-kontroll isir permezz ta' regoli, liġijiet, użanzi u normi, tradizzjoni u kultura, kif ukoll permezz ta' sanzjonijiet. |
| 3 | 1,1,1,1,1 (5) | Eżempji ta' elementi multikulturali mill-kultura lokali jinkludu:<br>• Il-lingwa Maltija għandha influwenzi semitiċi u romanzi<br>• Il-festi tradizzjonali Maltin huma influwenzati minn pajjiżi Ewropej, bħall-Italja u Spanja<br>• Ħafna djar Maltin, pereżempju l-palazzi tal-Belt u l-Imdina, huma influwenzati minn stili arkitettoniċi barranin, pereżempju mill-Italja u Franza<br>• L-ikel tradizzjonali Malti huwa influwenzat minn ikel Ewropew, Semitiku kif ukoll Amerikan<br>• L-ilbies li l-Maltin libsu matul is-sekli kien minn dejjem influwenzat minn stili barranin. |
| 4 | 5 | **Identità lokali** hija meta persuna tifhem x'inhu postha u l-irwol tagħha fil-lokalità jew raħal li tgħix fih. **Identità nazzjonali** hija dik fejn bniedem iħossu parti minn pajjiż, iħossu parti mill-kultura nazzjonali u jħaddan tradizzjonijiet komuni. |
| 5 | 5 | **Identità Ewropea** hija meta persuna tħossha li hi parti minn kultura ikbar minn dik nazzjonali; tħossha membru ta' kultura Ewropea li tħaddan valuri bħad-demokrazija, is-solidarjetà u t-tolleranza. **Identità globali** hija meta persuna tħossha li hi parti minn kultura globali u li d-dinja hija d-dar tagħha u l-bnedmin l-oħra huma ħutha. |
| **TOTAL** | **25** | |

**Taqsima E**

| **Numru** | **Marki** | **Tweġibiet** |
|---|---|---|
| 1 | 1,4 (5) | a) 2001-2010<br>b) Għaliex it-tfal huma ċ-ċittadini adulti ta' għada u jekk jitrawmu fil-valuri tal-paċi, la jikbru jgħixu fuq dawn il-valuri, u b'hekk jiksru ċ-ċirku tal-vjolenza u l-inġustizzja. |
| 2 | 2,2,2 (6) | **Paċi**: li kulħadd jgħix f'armonija ma' ta' madwaru.<br>**Solidarjetà**: sens ta' unità u appoġġ li għandhom il-membri fl-istess grupp.<br>**Tolleranza**: il-kapaċità li tisma' u taċċetta li hemm min hu differenti minnek fil-ħsieb u fl-imġiba. |
| 3 | 3,3 (6) | • Iż-żgħażagħ jużaw il-midja bħala mezz ta' komunukazzjoni globali.<br>• Iżommu ruħhom aġġornati ma' dak li qed jiġri madwarhom fil-komunità globali.<br>• Parteċipazzjoni f'attivitajiet li jippromovu s-solidarjetà mal-foqra.<br>• Tnaqqis fil-ħela ta' karti, l-ilma u l-elettriku.<br>*L-istudenti għandhom jagħtu żewġ eżempji. Risposti oħra relevanti għandhom jiġu aċċettati.* |
| 4 | 2,2 (4) | Hawnhekk l-istudenti għandhom isemmu żewġ eżempji ta' proġetti fl-iskola, fosthom *EkoSkola*, *Global Education Week*, *e-Twinning* u oħrajn. |

| | | |
|---|---|---|
| 5 | 4 | • Is-Samit 5+5 li ġab flimkien ħames pajjiżi Ewropej li qegħdin fil-Mediterran ma' ħames pajjiżi Għarab fit-tramuntana tal-Afrika.<br>• L-għajnuna umanitarja li tat Malta fil-kriżi tal-Libja. |
| **TOTAL** | **25** | |

**Taqsima F: Komponiment**

Fil-komponiment, l-istudenti għandhom juru li jafu s-suġġett, jagħtu definizzjonijiet ċari u joħorġu b'ideat rilevanti. L-20 marka jitqassmu kif ġej:

17-20 – Tajjeb ħafna
13-16 – Tajjeb
10-12 – Mhux Ħażin
0 - 9 – Mhux tajjeb

| Numru | Marki | Tweġibiet |
|---|---|---|
| 1 | 20 | • L-elementi li jsawru l-kultura huma: il-lingwa, il-valuri, it-teknoloġija, in-normi u t-tradizzjonijiet. Dawn huma marbutin mal-qagħda ġeografika tal-pajjiż. L-istudenti għandhom ifissru kull element u juru li jafu kif dan jikkontribwixxi għall-identità Maltija. |
| 2 | 20 | • Is-soċjetà titlob li l-individwi jġibu ruħhom b'mod tajjeb u li jimxu man-normi.<br>• Il-kontroll soċjali jista' jkun formali permezz ta' regoli miktuba u liġijiet.<br>• Kontroll informali jseħħ permezz ta' normi u dak li s-soċjetà tistenna mingħand il-membri tagħha. Iseħħ ukoll permezz tat-trobbija tajba u l-internalizzazzjoni ta' valuri, konformità, sanzjonijiet pożittivi u negattivi. |
| 3 | 20 | • L-istituzzjoni hija mekkaniżmu jew struttura li ġġib l-ordni soċjali. Il-komunità lokali għandha ħafna istituzzjonijiet soċjali fosthom il-familja u l-iskola.<br>• Istituzzjonijiet oħra jistgħu jinkludu organizzazzjonijiet formali bħall-gvern u s-servizzi pubbliċi.<br>• L-irwol tagħhom huwa li jġibu kooperazzjoni u għajnuna lill-individwi. L-istudenti huma mitluba li jiddeskrivu l-istituzzjonijiet tar-raħal li jgħixu fih. |
| 4 | 20 | • Il-valuri li jħaddnu ċ-ċittadini jissejħu valuri ċiviċi u dawn jinkludu s-solidarjetà, it-tolleranza, ir-rispett lejn il-wirt storiku u lejn l-ambjent, u fuq kollox il-parteċipazzjoni f'attivitajiet tal-komunità. Id-dmir li jivvota u li jħallas it-taxxi huma wkoll valuri ċiviċi. L-istudenti għandhom juru li jafu x'inhuma dawn il-valuri. |
| **TOTAL** | **20** | |

**Total: 100 marka**